# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru: 264/2018MH**

**Illum, 26 ta' Novembru 2021**

**Ismijiet:**

**Jesmar Abela (K.I. 92082 M)**

**Vs**

**Oasis Travel and Tourism Limited (C-75564) u City Sightseeing Malta Limited (C-73687)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat** fejn ġie premess illi:-

***Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Jesmar Abela jiddikjara u jikkonferma:***

1. ***ILLI*** *s-soċjeta intimata hija debitriċi tiegħu fis-somma ta' tmintax-il elf, disa' mija u sitta u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€18,936.12) oltre*

*imgħaxijiet legali dekorribbli mil-1 ta' Lulju tas-sena 2017 rappreżentanti xogħol ta' mechanic u parts reżi lis-soċjeta intimata fuq struzzjonijiet diretti ta' l-istess soċjeta;*

2. ***ILLI** s-soċjeta intimata qatt ma ilmentat li x-xogħol li kien eżeġwixxa r-rikorrenti ma kienx skond is-sengħa u l-arti u l-anqas ma kien hemm diżgwid rigward l-ammont effettivament dovut lir-rikorrenti;*

3. ***ILLI** dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut;*

4. ***ILLI** s-soċjeta intimata ġiet interpellata sabiex teffetwa l-ħlas relattiv permezz ta' ittra uffiċjali (numru 9/18) datata 11 ta' Jannar tas-sena 2018 (Vide kopja legali annessa u markata Dok A);*

5. ***ILLI** għalhekk, kjarament s-soċjeta intimata ma għandha ebda eċċezzjoni valida x'tissolleva kontra t-talbiet rikorrenti;*

6. ***ILLI** jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi ai termini ta' Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għad-dispensa mis-smiegħ tal-kawża;*

***TGĦID** għalhekk is-soċjeta intimata l-għaliex, dina l-Qorti m'għandiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijet fuq premessi, u in vista ta' l-affidavit ġuramentat u hawn unit (Dok B);*

1. ***TIDDEĊIEDI** t-talba bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi s-soċjeta intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni valida li tista tressaq;*

2. ***TIDDIKJARA** li s-soċjeta intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmintax-il elf, disa' mija u sitta u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€18,936.12) oltre imgħax legali mil-1 ta' Lulju tas-sena 2017 għal xogħol ta' mechanic u parts reżi lis-soċjeta intimata fuq struzzjonijiet diretti ta' l-istess soċjeta;*

3. ***TIKKUNDANNA** lis-soċjeta intimata **THALLAS** lir-rikorrenti s-somma ta' tmintax-il elf, disa' mija u sitta u tletin Ewro u tnax-il*

*ċenteżmu (€18,936.12) oltre imgħax legali mil-1 ta' Lulju tas-sena 2017*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti, inklużi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Jannar 2018, kontra s-soċjeta intimata, nġunta minn issa in subbizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata fejn ġie eċċipat illi:-

*Jeċċepixxu bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Kim Degabriele* detentur tal-Karta *tal-Identita' Numru: 405480(M) jikkonferma:*

1. *ILLI preliminarjament it-talbiet tal-Attur fil-konfront tas-Soċjeta' Oasis Travel and Tourism Limited [C-75564] huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fir-rigward tax-xogħlijiet imsemmija m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejniethom u perċio' s-Soċjeta' Oasis Travel and Tourism Limited [C-75564] m'hijiex il-leġittimu kuntradittur u għaldaqstant għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana bl-ispejjeż kontra l-Attur;*

2. *ILLI fit-tieni lok u mingħajr pregudizzju, il-ġudizzju ma jistax ikun wieħed integru stante li s-Soċjeta' City Sightseeing Malta Limited [C-73687] tikkontendi li għall-integrita' tal-gudizzju jeħtieġ illi jiġi kjamat fil-kawża Mario Micallef peress li kif anke jsemmi l-istess Attur din il-persuna kienet għamlet xi xogħolijiet fuq il-vetturi tas-Soċjeta' City Sightseeing Malta Limited [C-73687];*
3. *ILLI mingħajr pregudizzju għas-suespost, is-Soċjeta' Intimata City Sightseeing Malta Limited [C-73687], rrikonoxxiet li hija għandha tħallas għal dawn l-imsemmija xogħolijiet b'dana illi ma kellhiex konjizzjoni ta' min effettivament kellu dritt għal tali somma skont il-liġi u cioe' jekk hux l-Attur Jesmar Abela jew Mario Micallef u kien proprju għal dan il-fatt li fir-rigward ta' dawn ix-xogħljiet l-istess Soċjeta' Intimata City Sightseeing Malta Limited [C-73687] intavolat Ċedola ta' Depożitu bin-Numru: 371/2018 fl-ismijiet City Sightseeing Malta Limited vs Mario Micallef u Jesmar Abela, fis-somma ta' tmintax –il elf ewro (€18,000) (vide Dokument Ċ anness mar-Rikors Ġuramentat);*

4. *ILLI l-esponenti Soċjeta' Intimata City Sightseeing Malta Limited [C-73687] iddepożitata ċ-Ċedola ta' Depożitu fis-somma ta' tmintax –il elf*

*ewro (€18,000) in vista tal-Ittra Uffiċċjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tal-Attur (vide Dokument 'A' anness mar-Rikors Ġuramentat) fejn fiha talab proprju dan l-ammont, mentri issa bil-preżenti kawża qiegħed jitlob is-somma ta' tmintax –il elf, disa' mija, sitta u tletin ewro u tnax –il ċenteżmu (€18,936.12);*

5. *ILLI m'huwiex minnu li ċ-Ċedola ta' Depożitu surriferita saret unikament sabiex ittawwal inutilment il-proċess, anzi din saret fl-istess ġurnata li ġiet intavolata n-Nota a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (document 'B' anness mar-Rikors Ġuramentat) u b'hekk il-ħlas da parti tas-Soċjeta' Intimata City Sightseeing Malta Limited [C-73687] sar immedjatament;*

6. *ILLI finalment mingħajr pregudizzju għas-suespost jekk dawn il-flus rigwardanti l-imsemmija xogħolijiet huma dovuti biss lill-Attur, allura huwa seta' liberament tkellem ma' Mario Micallef, speċjalment jekk kif ingħad mill-Attur (li dan ġie sub-contracted) stess, sabiex ikun jista' jiżbanka l-flus li ġew depożitati mis-Soċjeta' Intimata City Sightseeing Malta Limited [C-73687] permezz tal-imsemmija Ċedola u b'hekk ikun tħallas;*

7. *ILLI allura u vista tas-suespost kien proprju l-Attur stess li permezz tal-preżenti kawża qiegħed itawwal il-proċeduri u l-ispejjeż, meta dan seta' faċilment żbanka u tħallas l-ammont dovut.*

8. *ILLI in vista tas-suespost l-esponenti Soċjeta' Intimata City Sightseeing Malta Limited [C-73687] teċċepixxi wkoll li hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante li hija eżumiet ruħha meta effetwat il-ħlas permezz taċ-Ċedola ta' Depożitu surriferita u b'hekk filwaqt li hija ħarġet mix-xena, jekk se mai hemm xi vertenza dwar min għandu jieħu dawn il-flus din hija biss u unikament kwistjoni bejn l-Attur u Mario Micallef;*
9. *ILLI għaldaqstant it-talbiet tal-Attur kif dedotti għandhom jiġu miċħud.*

10. *Salv occorrendo eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-nota t'ammissjoni kif kwalifikata preżentata seduta stante fejn l-intimati konvenuti ammettew it-talbiet għajr il-Kap tal-ispejjeż.

Konsegwentament fue l-iskorta tal-istess ammissjoni il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti b'dan pero' illi din tibqa' bla taxxa u kull parti b'hekk tbati l-ispejjeż tagħha.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**